Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Awwissu 2021**
**(OR. en)**

**11271/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0270(COD)**

**AGRI 385**
**AGRIFIN 100**
**AGRIORG 98**
**AGRISTR 61**
**STATIS 33**
**CODEC 1163**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Awwissu 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 477 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1091 fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli skont il-qafas finanzjarju 2021-2027 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 477 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 477 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.8.2021
COM(2021) 477 final

2021/0270 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1091 fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli skont il-qafas finanzjarju 2021-2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Ir-Regolament (UE) 2018/1091[1] dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli jeżiġi li l-Istati Membri jwettqu stħarriġiet integrati tal-azjendi agrikoli fl-2020, fl-2023 u fl-2026.

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju (jiġifieri l-allokazzjoni tal-baġit) għall-perjodu kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) rilevanti. Dan jinkludi dispożizzjoni li tistabbilixxi l-baġit għall-ġbir tad-*data* għall-istħarriġiet li jridu jsiru fl-2023 u fl-2026. L-Artikolu 14 tiegħu jiddikjara li wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-QFP 2021-2027, l-ammont għall-perjodu ta' wara l-2020 jenħtieġ jiġi ffissat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bi proposta tal-Kummissjoni.

Ir-referenza finanzjarja ta' din il-proposta hija r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[2] li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027.

L-Istati Membri jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli mill-UE (soġġetta għal ammonti massimi definiti indikati fl-Artikolu 13(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2018/1091) b'rabta mal-kost biex isiru l-istħarriġiet. L-ammont għall-perjodu ta' wara l-2020 jenħtieġ jiġi stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-QFP.

Din il-proposta leġiżlattiva tistabbilixxi baġit ta' EUR 40 000 000,00 għall-2021-2027 (li EUR 36 400 000,00 minnhom huma allokati għal għotjiet lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra).

Skont l-Artikolu 13(7) tar-Regolament (UE) 2018/1091, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-għotjiet imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 13 jenħtieġ tingħata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija skont il-punt (d) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew ir-Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

L-istatistika trid tkun affidabbli u ta' kwalità għolja biex dawk li jfasslu l-politika, in-negozji u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza.

L-istrateġija tal-istatistika agrikola għall-2020 tinkludi l-objettivi ewlenin li ġejjin:

- il-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod effiċjenti u effettiv; u
- it-titjib tal-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea.

Din il-proposta tindirizza dawn l-objettivi direttament.

### • Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Id-disponibbiltà ta' statistika ta' kwalità li tappoġġa l-politiki Ewropej hija objettiv ewlieni tal-istatistika Ewropea skont il-programm tas-suq uniku[3]. L-istatistika ambjentali u agrikola

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

huma wieħed minn tliet oqsma tal-ġbir tal-istatistika permezz tal-programm. Hija meħtieġa wkoll *data* fil-ħin u rilevanti għall-politika agrikola komuni (PAK).

Din l-inizjattiva timplimenta dak l-objettiv għall-perjodu 2021-2026.

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola se tikkontribwixxi wkoll għal mill-inqas tnejn mis-sitt prijoritajiet tal-Kummissjoni von der Leyen, jiġifieri:

- Patt Ekoloġiku Ewropew bl-istrateġiji sottostanti mill-għalqa sal-platt u l-bijodiversità; u
- ekonomija li taħdem għan-nies

billi tipprovdi *data* aħjar għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tas-settur li jkopri l-ambjent, in-nies, ir-reġjuni u l-ekonomija. L-istatistika agrikola hija siewja wkoll għal prijoritajiet oħra tal-UE jew tal-Istati Membri li jaffettwaw l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, jew li huma affettwati minnhom.

Il-politiki tal-UE jeħtieġu l-appoġġ ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali, territorjali u ambjentali madwar l-UE. L-istatistika Ewropea tista' tgħin ukoll lill-pubbliku ġenerali jifhem u jipparteċipa fil-proċess demokratiku u jiddibatti l-istat attwali u l-futur tal-UE. Għal statistika agrikola, l-enfasi qed issir fuq il-forniment ta' *data* fil-ħin u rilevanti għall-ħtiġijiet tal-PAK, il-politika komuni tas-sajd, u l-politiki relatati mal-ambjent, is-sigurtà tal-ikel u t-trattament xieraq tal-annimali.

L-istatistika agrikola tipprovdi evidenza statistika ta' kwalità għolja għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-PAK. Il-PAK hija mutur ewlieni għall-impjiegi u għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni. Il-politika tal-iżvilupp rurali – parti integrali mill-PAK – għandha l-għan li ttejjeb il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola, apparti l-objettivi soċjali tagħha. Tul il-perjodu tal-QFP 2014-2020, il-PAK kienet tirrappreżenta aktar minn 37% tal-baġit totali tal-UE.

L-istatistika agrikola hija meħtieġa dejjem aktar ukoll għal politiki ewlenin oħra tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-politiki ambjentali u dwar it-tibdil fil-klima, u l-politiki kummerċjali, soċjali u reġjonali.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi l-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea. Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri għall-produzzjoni ta' statistika skont il-ħtieġa biex l-UE taqdi r-rwol tagħha. L-Artikolu 338 jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-istatistika Ewropea, u jiddikjara li din trid tkun konformi mal-istandards tal-imparzjalità, tal-affidabbiltà, tal-oġġettività, tal-indipendenza xjentifika, tal-kosteffettività u tal-kunfidenzjalità statistika.

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jistabbilixxi qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika għax il-proposta mhix fil-kompetenza esklużiva tal-UE. Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tipprovdi infrastruttura għall-informazzjoni statistika. Is-sistema hija ddisinjata biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' utenti multipli u biex tappoġġa l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'soċjetajiet demokratiċi. Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata biex tipproteġi l-attivitajiet ewlenin tas-sħab tal-ESS filwaqt li tiżgura u tassigura aħjar il-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola.

Il-kriterji ewlenin għad-*data* statistika jinkludu l-konsistenza u l-komparabbiltà. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-konsistenza u l-komparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri mingħajr leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi l-kunċetti statistiċi komuni, il-formati tar-rapportar u r-rekwiżiti tal-kwalità. Ir-rekwiżit tal-komparabbiltà huwa importanti b'mod partikolari għall-istatistika agrikola minħabba l-PAK.

L-objettivi ma jistgħux jinkisbu għalkollox mill-Istati Membri waħedhom. L-azzjoni tkun aktar effettiva jekk tittieħed fil-livell tal-UE, abbażi ta' att legali tal-UE li jiżgura l-komparabbiltà tal-informazzjoni statistika fl-oqsma tal-istatistika koperti mill-att propost. Fil-frattemp, l-aħjar mod kif isir il-ġbir innifsu tad-*data* huwa mill-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, fid-dawl ta' dan li ġej:

Se tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola Ewropea miġbura u kkompilata bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji fost l-Istati Membri. Bl-istess mod, se tiżgura li l-istatistika agrikola Ewropea tibqa' rilevanti u tkun adattata biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. Ir-Regolament se jagħmel il-produzzjoni tal-istatistika aktar kosteffettiva filwaqt li jirrispetta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-Istati Membri.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita ruħu għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ għal dak il-għan.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

Minħabba l-objettivi u l-kontenut tal-proposta, emenda tar-Regolament eżistenti hija l-aktar strument xieraq.

Politiki ewlenin tal-UE bħall-PAK jiddependu fuq statistika agrikola komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew. Dawn jistgħu jiġu żgurati bl-aħjar mod b'Regolamenti li jkunu applikabbli direttament fl-Istati Membri u ma hemmx bżonn li l-ewwel jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali. L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1091 diġà jipprovdi għal emenda.

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164-173).

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola għall-istrateġija tal-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn (SWD(2017) 96 final) indikat il-ħtieġa ta' approċċ aktar sistematiku f'dan il-qasam.

L-evalwazzjoni tas-sistema tal-istatistika agrikola wriet li:

- Il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-istatistika agrikola ma tissodisfax b'mod adegwat il-ħtiġijiet ġodda u emerġenti tad-*data* għax din l-istatistika mhix inkluża bħala rekwiżit fl-atti legali. Barra minn hekk, l-atti mhumiex flessibbli u integrati biżżejjed biex jissodisfaw minnufih il-ħtiġijiet emerġenti.
- Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola mhix flessibbli biżżejjed u ma tissodisfax malajr biżżejjed il-ħtiġijiet emerġenti. Parzjalment, dan jiġri minħabba n-natura tal-ġbir tal-istatistika, iżda anki minħabba l-mod kif ġew stabbiliti r-regolamenti, u n-nuqqas ta' riżorsi baġitarji u umani.
- Il-ġbir tad-*data* mhux armonizzat jew koerenti biżżejjed. Dan qed jiġri għax qed ifeġġu ħtiġijiet ġodda tad-*data*, il-leġiżlazzjoni ġiet żviluppata b'mod separat fuq medda twila ta' snin, u d-definizzjonijiet u l-kunċetti jvarjaw kemxejn bejn iż-żoni agrikoli.
- L-istatistika tista' tiġi ġġenerata b'mod aktar effiċjenti jekk il-leġiżlazzjoni tiġi adattata biex tkun tiġbor diversi sorsi tal-informazzjoni u jekk l-Istati Membri jadattaw għat-teknoloġija moderna.

Bħala parti mit-tħejjija tar-Regolament (UE) 2018/1091 saret konsultazzjoni pubblika u r-riżultati ngħataw fid-dettall f'rapport speċifiku[5].

L-istrateġija relatata dwar l-istatistika agrikola tikkonkludi li l-istatistika agrikola trid titfassal u tiffunzjona bħala sistema, bi qbil sħiħ bejn il-partijiet tad-*data* ħalli l-output ikun aktar sinifikanti minn sempliċiment l-għadd tagħhom f'daqqa. L-istatistika agrikola jeħtieġ taqbel bla xkiel ukoll mal-ESS kollha, u s-sorsi tad-*data* jridu jiġu diversifikati b'sorsi oħra tad-*data* li jintużaw meta possibbli. It-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni u teknoloġiji ġodda oħra (eż. il-Big Data u innovazzjonijiet ibbażati fuq ir-riċerka) iridu jiġu integrati fil-ġbir tad-*data*, u l-effettività u l-effiċjenza tal-metodi tal-ġbir tad-*data* jridu jiġu vvalutati skont il-ħtiġijiet tad-*data* u l-kriterji tal-kwalità, u jenħtieġ tispiċċa l-kompartimentalizzazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Eurostat jiżviluppa, jipproduċi u jxerred statistika agrikola Ewropea bis-saħħa ta' kooperazzjoni mill-qrib, ikkoordinata u regolari fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u bil-ħidma mill-qrib twila tiegħu mal-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u awtoritajiet rilevanti oħra.

---

5 Is-sit web tal-konsultazzjoni pubblika tal-Eurostat: http://ec.europa.eu/eurostat/about/opportunities/consultations/eass
u r-rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika miftuħa: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/6937766/Agricultural-Statistics-Strategy-2020-Report.docx.

B'mod ġenerali, u f'konformità mal-istrateġija tal-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn, il-gruppi u l-individwi ewlenin ikkonċernati mill-istatistika agrikola Ewropea jew involuti fiha huma: il-produtturi tad-*data* (l-NSIs, awtoritajiet nazzjonali oħra u l-Eurostat); ir-rispondenti (il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa u n-negozji); u l-utenti (dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi u privati, b'mod partikolari dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, riċerkaturi u ġurnalisti). Dawn il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati b'mod estensiv dwar id-diffikultajiet li jġarrbu, il-bidliet li jipproponu, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tad-*data* tagħhom, is-soluzzjonijiet ta' politika possibbli, l-impatti tal-azzjonijiet suġġeriti, u dwar l-istrateġija nnifisha.

Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati nkisbu waqt laqgħat u seminars tal-Kumitat Permanenti dwar Statistika Agrikola (KPSA) u s-suċċessur tiegħu, il-Grupp tad-Diretturi għall-Istatistika Agrikola (DGAS) (għad-diretturi tal-istatistika agrikola) li jagħtu widen ta' spiss għall-fehmiet tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u ta' organizzazzjonijiet tal-bdiewa, waqt laqgħat tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (għad-diretturi ġenerali tal-NSIs), u permezz ta' konsultazzjonijiet u seduti skedati b'mod regolari (għad-dipartimenti tal-Kummissjoni).

Ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet tqiesu fl-evalwazzjoni msemmija hawn fuq.

Barra minn hekk, saret konsultazzjoni ta' 4 ġimgħat dwar il-pjan direzzjonali għall-proposta fuq il-paġna web tal-Kummissjoni Ewropea "Semma' Leħnek".

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex iħejji r-Regolament (UE) 2018/1091, il-Eurostat kellu diskussjonijiet estensivi dwar il-kontenut tal-proposta mal-NSIs fil-gruppi ta' esperti rilevanti, inkluż fil-livell tad-diretturi.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-istrateġija tal-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn (SWD (2016) 430), li l-istatistika integrata agrikola tagħmel parti minnha, kisbet opinjoni favorevoli tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[6].

Il-leġiżlazzjoni statistika tikkonċerna primarjament lill-utenti tad-*data* fil-livell amministrattiv (eż. id-dipartimenti ta' politika tal-Kummissjoni), lill-produtturi tad-*data* (l-NSIs), u lir-rispondenti tad-*data* (il-bdiewa), u għalhekk l-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali diretti tagħha huma limitati. Il-kostijiet diretti ewlenin għall-partijiet ikkonċernati huma relatati mal-adattament għal sistemi statistiċi u tekniċi ġodda. Fit-terminu medju sa twil, il-miżuri ta' modernizzazzjoni kienu mistennija jnaqqsu xi ftit il-piż amministrattiv kif ukoll il-kostijiet. Ħafna mill-iffrankar tal-kostijiet jinkiseb bir-rekwiżiti ta' kopertura aktar baxxa tar-Regolament (UE) 2018/1091. Il-kost tal-ġbir tal-istatistika jrid jiġi peżat kontra l-benefiċċji soċjetali tagħha iżda anki kontra l-kost ta' statistika ta' kwalità baxxa jew xejn.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Il-proposta hija parti mill-istrateġija tal-istatistika agrikola għall-2020 u lil hinn, programm ewlieni għall-immodernizzar tal-istatistika agrikola tal-UE ġġenerata mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-istrateġija għandha l-appoġġ tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u hija parti mill-programm REFIT, bil-għan li tissimplifika u ttejjeb is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS).

6 Il-valutazzjoni tal-impatt, Sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt, Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju

Din il-proposta tkopri l-finanzjament ta' statistika integrata tal-azjendi agrikoli għall-2021-2027, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1091.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt finanzjarju tal-proposta huwa għal żmien limitat, u jirreferi għall-kofinanzjament tal-ġbir tad-*data* dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli għall-perjodu 2021-2027 (l-eżerċizzji tal-ġbir tad-*data* tal-2023 u l-2026).

L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1091 jistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament. Din il-proposta tistabbilixxi baġit ta' EUR 40 000 000,00 għall-2021-2027 (li 36 400 000,00 minnhom huma għall-għotjiet tal-NSIs).

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-għotjiet imsemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2018/1091 se tingħata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija skont il-punt (d) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew skont ir-Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet għall-implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

Ir-Regolament propost mistenni jiġi adottat mingħajr dewmien mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, u l-Kummissjoni mistennija tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni ftit żmien wara. Ir-Regolament se jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr il-bżonn ta' pjan ta' implimentazzjoni.

L-Istati Membri se jkollhom jipprovdu d-*data* lill-Kummissjoni fl-2024 u fl-2027.

F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1091, il-Kummissjoni jenħtieġ li, wara konsultazzjoni mal-ESSC, tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-kisba tal-objettivi tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2024.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emenda proposta tapplika għall-Artikoli 13(4)(5) u (7) u 14(1) tar-Regolament (UE) 2018/1091, li jistabbilixxu l-ammonti massimi li jridu jiġu assenjati lil kull Stat Membru u l-ammont u s-sors tal-pakkett finanzjarju għall-2021-2027.

2021/0270 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1091 fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli skont il-qafas finanzjarju 2021-2027**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jipprevedi li l-Istati Membri jridu jiġbru u jipprovdu *data* strutturali ċentrali ("*data* ċentrali") u *data* tal-moduli relatati mal-azjendi agrikoli fl-2023 u fl-2026.

(2) Biex jitwettqu l-istħarriġiet tal-istrutturi tal-azjendi agrikoli u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Unjoni, hemm bżonn finanzjament konsiderevoli min-naħa tal-Istati Membri u tal-Unjoni.

(3) L-Istati Membri jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' 75 % mingħand l-Unjoni għall-kostijiet tal-ġabriet tad-*data* ċentrali u tad-*data* tal-modulu tal-2023 u l-2026, soġġetta għall-ammonti massimi speċifikati fir-Regolament (UE) 2018/1091.

(4) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju għaż-żmien kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) rilevanti u jinkludi dispożizzjoni biex jiġi stabbilit l-ammont li jrid jingħata għal aktar ġbir tad-*data* skont il-QFP sussegwenti li jkopri l-istħarriġiet imwettqa fl-2023 u fl-2026.

(5) Dak il-QFP sussegwenti għas-snin 2021-2027 ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[2].

(6) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1091, l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli skont il-QFP 2021-2027 jenħtieġ jiġi stabbilit mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, bi proposta tal-Kummissjoni wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

(7) L-ammont propost għall-2021-2027 jenħtieġ jiffinanzja l-istħarriġiet tal-istruttura tal-azjendi agrikoli mwettqa fl-2023 u fl-2026 biss, inkluż il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-bażijiet tad-*data* użati mill-Kummissjoni biex tipproċessa d-*data* tal-Istati Membri.

(8) Barra minn hekk, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, jixraq titħassar ir-referenza għal dak l-Istat Membru preċedenti.

(9) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ġie kkonsultat.

(10) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2018/1091 jenħtieġ jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-kostijiet miġbura flimkien tad-*data* ewlenija u l-ġabriet tad-*data* tal-modulu tal-2023 u l-2026, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun limitata għall-ammonti massimi speċifikati hawn taħt:";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) EUR 2 000 000 kull wieħed għall-Bulgarija, għall-Ġermanja, għall-Ungerija u għall-Portugall;";

(b) il-paragrafu 5 jitħassar;

(c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-għotjiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pprovduta mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija skont il-punt (d) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew minn Regolament sussegwenti dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.";

(2) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm tal-ġabriet tad-*data* għas-snin ta' referenza 2023 u 2026, inkluż l-approprjazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni, iż-żamma u l-iżvilupp tas-sistemi tal-bażi tad-*data* użati fil-Kummissjoni biex tkun ipproċessata d-*data* fornuta mill-Istati Membri permezz ta' dan ir-Regolament, għandu jkun EUR 40 000 000 għall-perjodu 2021-2027, kopert bil-QFP 2021-2027.".

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

## Werrej

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA ........ 1
Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha ........ 1
Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika ........ 1
Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni ........ 1
2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ ........ 2
Bażi ġuridika ........ 2
Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi) ........ 3
Proporzjonalità ........ 3
Għażla tal-istrument ........ 3
3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT ........ 4
Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti ........ 4
Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ........ 4
Ġbir u użu tal-għarfien espert ........ 5
Valutazzjoni tal-impatt ........ 5
Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja ........ 5
Drittijiet fundamentali ........ 6
4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI ........ 6
5. ELEMENTI OĦRA ........ 6
Pjanijiet għall-implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar ........ 6
Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi) ........ 6
Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta ........ 6
1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ........ 12
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ........ 12
1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) ........ 12
1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma': ........ 12
1.4. Objettiv(i) ........ 12
1.4.1. Objettiv(i) ġenerali ........ 12
1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ........ 12
1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ........ 13
1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ........ 13
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ........ 13

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ....................................... 13

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta bl-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kienu jiksbu l-Istati Membri waħedhom...................................................... 14

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ....................................................... 14

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra................................................................................................................ 14

1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni ................................................................................................ 15

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva............................................. 16

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i) ........................................................................................ 16

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ............................................................................................. 17

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.......................................................................... 17

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ............................................................................. 17

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta.... 17

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ......................................................................................... 17

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament u fl-għeluq) ............................................................. 17

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet............................................. 18

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.......... 19

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i19

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet................................ 20

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali .......................... 20

3.2.2. Output stmat iffinanzjat b'approprjazzjonijiet operazzjonali .................................... 23

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ....................... 24

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali .......................................... 27

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.......................................................................... 27

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul.............................................................................................. 28

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1091 fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli skont il-qafas finanzjarju 2021-2027

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-Produzzjoni tal-Istatistika Ewropea.

Agrikoltura u żvilupp rurali.

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota/azzjoni preparatorja**[10]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar ma' azzjoni oħra jew ridirezzjoni lejha/azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

#### *1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Din il-proposta leġiżlattiva tistabbilixxi baġit ta' EUR 40 000 000,00 għall-2021-2027 (li EUR 36 400 000,00 minnhom huma għal għotjiet lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra).

L-istatistika trid tkun affidabbli u ta' kwalità għolja biex dawk li jfasslu l-politika, in-negozji u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza. Il-proposta attwali tindirizza żewġ objettivi tal-istrateġija tal-istatistika agrikola tal-2020:

il-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod effiċjenti u effettiv, u

it-titjib tal-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea

#### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru 1

tiffinanzja l-istħarriġiet tal-istruttura tal-azjendi agrikoli mwettqa fl-2023, inkluż il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-bażijiet tad-*data* użati mill-Kummissjoni biex tipproċessa d-*data* tal-Istati Membri għall-perjodu ta' referenza tal-2023 u ttejjeb l-interoperabbiltà bejn l-IFS u l-FADN/FSDN

Objettiv speċifiku Nru 2

tiffinanzja l-istħarriġiet tal-istruttura tal-azjendi agrikoli mwettqa fl-2026, inkluż il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-bażijiet tad-data użati mill-Kummissjoni biex tipproċessa d-data tal-Istati Membri għall-perjodu ta' referenza tal-2026 u ttejjeb l-interoperabbiltà bejn l-IFS u l-FADN/FSDN

[10] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

### *1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Impatt fuq l-istituti nazzjonali tal-istatistika u oħrajn: Il-leġiżlazzjoni statistika tikkonċerna primarjament lill-utenti tad-*data* fil-livell amministrattiv (eż. id-dipartimenti ta' politika tal-Kummissjoni), lill-produtturi tad-*data* (l-NSIs), u lir-rispondenti tad-*data* (il-bdiewa), u għalhekk l-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali diretti tagħha huma limitati. Il-kostijiet diretti ewlenin għall-partijiet ikkonċernati huma relatati mal-adattament għal sistemi statistiċi u tekniċi ġodda. Fit-terminu medju sa twil, il-miżuri ta' modernizzazzjoni mistennija jnaqqsu l-piż u l-kostijiet amministrattivi.

### *1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 jipprevedi li għas-snin ta' referenza 2023 u 2026, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu *data* ċentrali u tal-modulu vvalidata u rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza.

Barra minn hekk, sal-31 ta' Diċembru 2024, wara konsultazzjoni mal-ESSC, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (l-Artikolu 18).

## **1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura li jiżdied l-appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri biex jiġbru d-*data* dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli, billi tiffissa l-pakkett finanzjarju għall-perjodu 2021-2027.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE li tappoġġa l-ġbir nazzjonali tad-*data* statistika agrikola mistennija tissokta f'livell u bi propozjon komparabbli mal-i*status quo* fis-sistema l-ġdida, u l-infiq nazzjonali jenħtieġ ukoll ikun f'livell simili bħal dak tal-lum. Meta jiġu implimentati għalkollox, l-azzjonijiet ta' tnaqqis tal-piż u tal-kost, u t-tnaqqis mistenni fl-għadd ta' azjendi agrikoli (abbażi tax-xejriet osservati) jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-ħtieġa baġitarja għall-ġbir tad-*data* u għalhekk tnaqqis fil-baġit.

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità, il-komparabbiltà u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea biex dawk li jfasslu l-politika, in-negozji u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza.

Dan ikopri l-istatistika strutturali agrikola u jieħu l-forma ta' regolament qafas ewlieni u atti ta' implimentazzjoni. Bħala Regolament, dan japplika direttament fl-Istati Membri tal-UE, filwaqt li l-atti ta' implimentazzjoni jispeċifikaw listi u deskrizzjonijiet varjabbli u rekwiżiti metodoloġiċi. Kull Stat Membru se jintegra l-varjabbli u rekwiżiti oħra fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali tiegħu, fil-kwestjonarji u fil-bqija hekk kif jiġu adottati l-atti.

Iċ-ċensiment agrikolu tal-2020 diġà qed isir. Il-ġbir tad-*data* għall-2023 qed jitħejja u warajh se jibda l-ġbir tad-*data* tal-2026.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eżempju, gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta bl-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kienu jiksbu l-Istati Membri waħedhom.*

Bl-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli (IFS), l-UE u l-Istati Membri tagħha se jkollhom statistika agrikola strutturali Ewropea ta' kwalità għolja, komparabbli u koerenti li timponi piż aċċettabbli fuq ir-rispondenti tad-*data* u fuq il-produtturi tad-*data* meta mqabbla mal-benefiċċji tagħha. It-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza huwa kruċjali għas-suċċess ta' politiki bħall-PAK, u huwa mutur importanti għall-impjiegi u għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-UE.

Il-leġiżlazzjoni statistika tikkonċerna primarjament lill-utenti tad-*data* fil-livell amministrattiv (eż. id-dipartimenti ta' politika tal-Kummissjoni), lill-produtturi tad-*data* (l-istituti nazzjonali tal-istatistika), u lir-rispondenti tad-*data* (il-bdiewa), u għalhekk l-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali diretti tagħha huma limitati. Il-kostijiet diretti ewlenin għall-partijiet ikkonċernati huma relatati mal-adattament għal sistemi tal-istatistika, organizzazzjonali u tekniċi ġodda, iżda dawk il-kostijiet u l-piżijiet mistennija jħallsu lilhom infushom fi żmien medju u fit-tul bi tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-*data* u bil-kisba ta' bosta effiċjenzi u ffrankar.

1.5.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-istatistika agrikola Ewropea ilha pedament tal-PAK u ta' ħafna politiki importanti oħra tal-UE għal għexieren ta' snin. Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tfassal biex jissodisfa l-bidliet fl-agrikoltura u jirrimedja l-kwistjonijiet ewlenin identifikati fl-evalwazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS). Il-kwistjonijiet identifikati kienu li:

1. il-leġiżlazzjoni ta' qabel dwar l-istatistika agrikola ma kinitx taqdi kif xieraq il-ħtiġijiet ġodda u emerġenti tad-*data*;

2. l-EASS ma kinitx flessibbli biżżejjed u ma ssodisfatx malajr biżżejjed il-ħtiġijiet emerġenti;

3. l-eżerċizzji tal-ġbir tad-*data* ma kinux armonizzati jew koerenti biżżejjed;

4. il-produzzjoni tal-istatistika kienet nieqsa mill-effiċjenza;

5. il-piż tal-provvista tad-*data* tqies qawwi.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 huwa parti mill-istrateġija tal-istatistika agrikola tal-Eurostat għall-2020 u lil hinn, li trid tiġi kkumplimentata bi statistika dwar l-input u l-output agrikolu (SAIO) u b'Regolament aġġornat dwar il-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura (KEA). It-tliet Regolamenti lkoll se jkollhom kamp ta' applikazzjoni komuni u se jaqsmu bejniethom id-dokumentazzjoni teknika u metodoloġika. Flimkien, dawn se jkopru l-aspetti kollha tal-istatistika agrikola.

Politiki komuni importanti tal-UE bħall-PAK, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji "Mill-għalqa sal-platt" u tal-bijodiversità jiddependu fuq statistika agrikola komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew u l-kompatibbiltà/il-kumplimentarjetà tagħhom ma' diversi sorsi tad-*data* relatati bħan-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola. Dawn jistgħu jiġu żgurati bl-

aħjar mod b'Regolamenti li jkunu applikabbli direttament fl-Istati Membri u ma hemmx bżonn li l-ewwel jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali.

L-emenda attwali hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1091 u tikkonċerna biss il-finanzjament tal-ġbir tad-*data* għall-2023 u l-2026.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni*

Mhux applikabbli

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ **durata limitata**

- ☒ fis-seħħ minn 01/01/2022 (tentattiv) sa 31/12/2027
- ☒ Impatt finanzjarju mill-2022 sal-2025 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2024 sal-2028 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[11]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

- ☐ il-pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;
- ☐ l-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għad iridu jiġu speċifikati);
- ☐ l-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☐ il-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ il-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ il-korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ il-korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ il-persuni inkarigati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fis-CFSP skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhux applikabbli

[11] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Ir-riċevituri tal-għotjiet iridu jipprovdu d-*data* miġbura u r-rapporti tal-kwalità korrispondenti kif speċifikat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/1091.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2018/1091, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-ESSC, jenħtieġ li sal-31 ta' Diċembru 2024 tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-kisba tal-objettivi tar-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika għax il-proposta mhix fil-kompetenza esklużiva tal-UE. Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tipprovdi infrastruttura għall-informazzjoni statistika. Is-sistema hija ddisinjata biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' utenti multipli u biex tappoġġa l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'soċjetajiet demokratiċi. Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata biex tipproteġi l-attivitajiet ewlenin tas-sħab tal-ESS filwaqt li tiżgura u tassigura aħjar il-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola.

Il-kriterji ewlenin għad-*data* statistika jinkludu l-konsistenza u l-komparabbiltà. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-konsistenza u l-komparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri mingħajr leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi l-kunċetti statistiċi komuni, il-formati tar-rapportar u r-rekwiżiti tal-kwalità.

L-objettivi ma jistgħux jinkisbu għalkollox mill-Istati Membri waħedhom. L-azzjoni tkun aktar effettiva jekk tittieħed fil-livell tal-UE, abbażi ta' att legali tal-UE li jiżgura l-komparabbiltà tal-informazzjoni statistika fl-oqsma tal-istatistika koperti mill-att propost. Fil-frattemp, l-aħjar mod kif isir il-ġbir innifsu tad-data huwa mill-Istati Membri.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji identifikati jinkludu l-kwalità tad-*data* substandard u s-sottomissjoni tard tad-*data*.

Dawn jittaffew jekk id-dokumentazzjoni teknika u metodoloġika u l-linji gwida jintbagħtu minn qabel lill-Istati Membri, u b'kontrolli awtomatizzati tad-*data*, b'monitoraġġ tal-konformità mal-iskadenzi, u bi skrutinju tar-rapporti tal-kwalità għal kull stħarriġ.

#### *2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament u fl-għeluq)*

Il-kontrolli se jsiru mill-uffiċjali tal-Kummissjoni bħala parti mid-doveri regolari tagħhom biex jivvalutaw il-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data*. Il-livell ta' riskju ta' errur mistenni jkun baxx għax il-ġbir tad-*data* statistika agrikola ilu jsir

b'kooperazzjoni tajba mal-Istati Membri sa mill-ħamsinijiet, u għax s-sistemi fis-seħħ ġew modernizzati skont l-aħħar standards tekniċi.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi.*

Minbarra l-kontrolli regolatorji kollha, il-Eurostat se japplika strateġija kontra l-frodi f'konformità mal-politika ġenerali tal-Kummissjoni kontra l-frodi. Din se tiżgura li l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju tal-frodi jkun immirat biex jingħarfu l-oqsma ta' riskju ta' frodi u jsiru r-risponsi xierqa. Meta jkun meħtieġ, se jiġu stabbiliti gruppi ta' networking u għodod speċifiċi tal-IT maħsuba għal analiżi ta' każijiet ta' frodi potenzjali.

Il-Eurostat żviluppa strateġija ta' kontroll biex tiggwida l-infiq tal-Istati Membri fuq il-ġbir tad-*data*, b'miżuri u għodod xierqa għar-Regolament propost. It-tnaqqis tal-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ kosteffettivi, u t-twettiq ta' kontrolli preliminari u finali abbażi tar-riskju jenħtieġ jgħinu biex jonqos u jkun evitat il-frodi. L-istrateġija tinkludi miżuri ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar il-prevenzjoni ta' frodi.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./ mhux diff[12]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[13] | mill-pajjiżi kandidati[14] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 08.02 06 03 - Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) - Għajnuna teknika operazzjonali | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

12 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
13 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
14 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3 | 08.02 06 03 - Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) - Għajnuna teknika operazzjonali |

| DĠ: AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI | | | Sena **2021**[15] | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | | |
| 08.02 06 03[16] | Impenji | (1a) | | 20.000 | | | 20.000 | | | | **40.000** |
| | Pagamenti | (2a) | | 9.100 | 1.800 | | 18.200 | 1.800 | | **9.100** | **40.000** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | | | | |
| • Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[17] | | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | | |
| **TOTAL ta’ approprjazzjonijiet għad-DĠ AGRI** | Impenji | =1a+1b +3 | | 20.000 | | | 20.000 | | | | **40.000** |
| | Pagamenti | =2a+2b +3 | | 9.100 | 1.800 | | 18.200 | 1.800 | | **9.100** | **40.000** |

15 Is-Sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

16 Skont in-nomenklatura uffiċjali tal-baġit.

17 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | 20.000 | | | 20.000 | | | | **40.000** |
| | Pagamenti | (5) | | 9.100 | 1.800 | | 18.200 | 1.800 | | **9.100** | **40.000** |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 3** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | 20.000 | | | 20.000 | | | | **40.000** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | 9.100 | 1.800 | | 18.200 | 1.800 | | **9.100** | **40.000** |

**<u>Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa aktar minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela permezz tad-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), imtella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2021** | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: ESTAT | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | **5.426** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.030 | 0.530 | 0.280 | 0.280 | 0.280 | 0.280 | 0.030 | **0.210** |
| **TOTAL għad-DĠ ESTAT** | Approprjazzjonijiet | **0.805** | **1.305** | **1.055** | **1.055** | **1.055** | **1.055** | **0.805** | **5.636** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | **0.805** | **1.305** | **1.055** | **1.055** | **1.055** | **1.055** | **0.805** | **5.636** |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2021**[18] | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | 0.775 | **5.426** |
| | Pagamenti | 0.030 | 0.530 | 0.280 | 0.280 | 0.280 | 0.280 | 0.030 | **0.210** |

18 Is-Sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat b'approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2021** | | Sena **2022** | | Sena **2023** | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | *Wara* ***l-2027*** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[19] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[20]: IFS2023 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | *data* | | | | | 9.100 | | | | | | 9.100 | | | | | | 18.200 |
| - Output | ieħor | | | | | | | 1.800 | | | | | | | | | | 1.800 |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | 9.100 | | 1.800 | | | | 9.100 | | | | | | 20.000 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2: IFS2026 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | *data* | | | | | | | | | | | 9.100 | | | | 9.100 | | 18.200 |
| - Output | ieħor | | | | | | | | | | | | | 1.800 | | | | 1.800 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | 9.100 | | 1.800 | | 9.100 | | 20.000 |
| **TOTALI** | | | | | | 9.100 | | 1.800 | | | | 18.200 | | 1.800 | | 9.100 | | 40.000 |

19 L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

20 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

### *3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena 2021 [21] | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | **7** | **7** | **7** | **7** | **7** | **7** | **7** |
| Riżorsi umani | 0,775 | 0,775 | 0,775 | 0,775 | 0,775 | 0,775 | 0,775 | **5,426** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,030 | 0,530 | 0,280 | 0,280 | 0,280 | 0,280 | 0,030 | **1,710** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **0,805** | **1,305** | **1,055** | **1,055** | **1,055** | **1,055** | **0,805** | **7,136** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[22] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,805** | **1,305** | **1,055** | **1,055** | **1,055** | **1,055** | **0,805** | **7,136** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

21 Is-Sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

22 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | Sena **2021** | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[23] | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”) | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [24] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [24] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 | 5.1 |

**XX** huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.<br>Il-kompiti li jridu jitwettqu jinkludu:<br>- il-ġestjoni ta’ għotjiet relatati mal-inizjattiva<br>- il-validazzjoni tad-*data* |

23 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f’Delegazzjonijiet.

24 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

| | |
|---|---|
| | - l-appoġġ u l-ħidma metodoloġika<br>- l-analiżi tar-rapporti<br>- it-tixrid tad-*data* |
| Persunal estern | |

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ tista' tiġi ffinanzjata għalkollox b'riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Agħti tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira. |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti u l-istrumenti li qed jiġi propost li jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[25] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[25] Is-Sena N hija s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tħalli l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tħalli l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[26] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

[26] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20% tal-kostijiet tal-ġbir.